MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 787/2005

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Ritienne Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u tmintax Liri Maltin u hmistax –il centezmu (Lm118.15), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tmintax Liri Maltin u hmistax –il centezmu (Lm118.15), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------